QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 34** **IT-TLIETA 09 TA' FRAR 2010**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Jeffrey Camilleri, Thomas Harmsworth, Ralph Puli, Angelo Briffa, Margaret Mercieca, Dennis Zammit u Simon Vella Gregory.

Il-Kunsillier Jason Busuttil kien skużat minħabba x-xogħol.

Preżenti wkoll kien hemm Dario Formosa, Gabriella Busuttil u Audrey Curmi mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**34/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 33**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 33 li nżammet nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur is-seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 33 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 34/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2010

**Is-Segretarju** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2010, li kienu ċċirkulati u ttieħdu bħala moqrija. **DOK 'A1-2'**

**a.** *Bank Payments January 2010*
**b.** *Petty Cash January 2010*

**Is-Sindku** ressaq il-listi ta' pagamenti għall-kummenti u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Ivvutaw Favur is-Seba' Kunsilliera (7) preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**34/03** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** daħlet għas-seduta fis-7.06 ta' fil-għaxija.

## 34/04 MOZZJONI NRU 96/2010 (V)

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-mozzjoni numru 96/2010(V) dwar xiri ta' bankijiet u dustbins ġodda.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova bankijiet u bins ġodda, simili għal dawk li l-Kunsill waqqaf fis-*central island* ta' Triq il-Vitorja, għal dawn il-postijiet.

| Post | Bankijiet | Bins |
|---|---|---|
| Monument Roger Debattista - Tal-Ħlas | 6 | 2 |
| Bus Stage (Near Hudson) – Triq il-Vitorja | 3 | 2 |
| Taħt San Ġużepp - Triq il-Vitorja | 4 | 2 |
| Ħdejn Lotto Office - Triq il-Vitorja | 2 | 1 |
| | **15** | **7** |

Il-Kunsill joħroġ sejħa għal 15-il Bank u 7 Bins għal dawn il-postijiet."

**Is-Sindku** fisser li filwaqt li x-xogħol fuq is-*soft area* fejn sejjer ikun imwaqqaf il-monument beda, jeħtieġ li l-Kunsill japprova x-xiri tal-bankijiet u litter bins, għal dan il-lok, kif ukoll qed ikun propost li jinxtraw bankijiet u litter bins għas-*soft area* mal-*bus stage* ta' ħdejn il-Hudson, għal ħdejn l-istatwa ta' San Ġużepp, u l-*open space* ħdejn il-banka tal-lotto, kollha fi Triq il-Vitorja. Dan sabiex issa jsir *upgrading* ta' l-għamara tat-toroq f'din it-triq, fuq il-mudell li sar fis-*central island* tal-Vitorja. Il-Kunsill qed jimmira li dawn ikunu nstallati fil-post sal-ħmistax ta' April, għalhekk is-sejħa għal dan ix-xiri trid tieħu l-anqas żmien possibbli sabiex jintlaħaq dan l-għan.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni nru. 96/2010 (V) għall-vot.

**Il-Kunsill unanimament** approva l-Mozzjoni Nru. 96/2010 (V)

## 34/05 MOZZJONI NRU 97/2010 (V) - ĦATRA TA' ASSISTANT PRINCIPAL

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni nru. 97/2010 (V) dwar ħatra ta' Ms Ritienne Sammut fi skala ħdax bħala Assistant Principal.

**"**Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Ms Ritienne Sammut *Assistant Principal*, Uffiċċjal fi Skala 11, mill-1 ta' Frar 2010 bir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet applikabbli għal din il-kariga."

**Is-Sindku** kkumenta li Ms. Ritienne Sammut kienet impjegata sa mill-bidu nett tat-twaqqif tal-Kunsill, fejn bid-dmirijiet tagħha dejjem qdiet ir-responsabbilitajiet tagħha bl-aħjar mod effiċenti. Għal tul ta' snin kienet fi skala ħmistax, u mis-17 ta' Jannar 2002 ilha fi skala tlettax. Għaldaqstant bl-esperjenza u l-kapaċita' tagħha, wara tmien snin li ilha tokkupa l-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv fi Skala 13, hija tikkwalifika skont il-kriterji applikabbli għal Assistent Uffċċjal Prinċipali (Skala 11) fit-Taqsima IV, 14 – 3b(III).

Għalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill japprova li Ms Ritienne Sammut tinħatar *Assistant Principal*, Uffiċċjal fi Skala 11, mill-1 ta' Frar 2010 bir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet applikabbli għal din il-kariga

Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil tkellem dwar il-ħidma ta' Ms Sammut bħala mpjegata tal-Kunsill mit-twaqqif tal-Kunsill, fejn għal dawn is-sittax-il sena dejjem kienet impjegata eżemplari bir-responsabbilita' speċifika tagħha, u dejjem tat servizz mill-aqwa lill-Kunsill u għalhekk wasal iż-żmien li l-Kunsill jieħu ħsieb li jtella' fi skala oħra għas-servizz tagħha.

**Il-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Margaret Mercieca** ssekondaw.

**Is-Sindku** talab vot dwar il-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** it-Tmien (8) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill approva unanimament** il-Mozzjoni nru. 97/20110(V) dwar il-Ħatra ta' Ms.Ritienne Sammut fi skala ħdax bħala *Assistant Principal*.

## 34/06 RAPPORTI TAL-ĦIDMA MILL-KUNSILLIERA

**34/06/01 Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar lill-Kunsilliera li nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar, kienu se jagħlqu t-tenders tal-i*Street Sweeping* u tal-*Contract Manager*. Il-Kunsill ikkonferma li l-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Angelo Briffa kienu se jattendu għall-ftuħ tat-tenders kif ukoll li jkunu membri tal-Bord ta' l-Għażla flimkien mas-Sindku u l-Viċi Sindku.

**34/06/02 Is-Sindku** nforma li min-nhar it-Tlieta 23 ta' Frar, l-Awdituri tal-kumpanija Grand Thorton sejrin jibdew l-awditjar tal-rapport finanzjarju għas-sena April-Diċembru 2009.

**34/06/03 Is-Sindku ressaq** għall-attenzjoni tal-Kunsill u poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokument *Feasability Investment in Extension* imħejji mill-Accountant sabiex il-Kunsill jippreżenta t-talba għal self fuq l-investiment tal-estensjoni tal-Kunsill permezz tax-xiri tal-post li jmiss mal-Kunsill. Is-Sindku nforma li nhar il-Ġimgħa se tinżamm laqgħa mal-APS Bank, sabiex ikun investigat x'joffri dan il-bank li miegħu l-Kunsill diġa għandu self fuq il-bini, u marbut li ma jagħmilx self ieħor ma' banek oħra, dwar din il-proposta ġdida ta' self.

**34/07 Il-Kunsilliera Dennis Zammit u Simon Vella Gregory** daħlu għas-seduta fis-7.15 ta' fil-għaxija.

## 34/08 ŻJARA APPOSTOLIKA TAL-QT IL-PAPA BENEDITTU XVI

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** li sa dak il-ħin kien qed jattendi l-laqgħa msejħa mill-Kumitat Organizattiv Nazzjonali, Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar iż-żjara tal-QT il-Papa Benedittu XVI f'Malta fis-17 u 18 ta' April f'isem il-Kunsill. Is-sur Zammit informa li kien tħabbar il-programm ta' l-attivitajiet, bid-dettalji kollha dwar il-viżta appostolika tal-QT il-Papa Benedittu, u kien ingħata tagħrif dwar il-lokalitajiet li sejjer jgħaddi fil-vjaġġ tiegħu f'Malta. **DOK 'B'**

Il-Kunsill kien infurmat li l-Papa hu u jitniżżel minn Triq l-Imdina sal-Kalkara, sejjer jgħaddi minn Triq il-Vitorja 'l isfel quddiem l-istess bini tal-Kunsill għal Triq San Sebastjan, u 'l barra lejn ir-roundabout bil-monument ta' Pinto lejn il-Belt Valletta.

Għalhekk minbarra li l-Kunsill kien imħeġġeġ li jorganizza laqgħat dwar din il-vista tal-Papa, fejn jintlaqa' bl-aħjar mod, b'tiżjin ta' l-istess toroq, il-Kunsill irid jieħu ħsieb ukoll li jara li t-toroq li minnhom sejjer jgħaddi jkunu fl-aqwa tagħhom u jekk hemm bżonn isiru t-tiswijiet minn qabel.

Il-Kunsill approva li tinġabar l-informazzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill dwar ix-xogħol ta' *maintenance* li hemm bżonn li jsir għal din l-okkażjoni, u li dan ix-xogħol

jinbeda minnufih. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li partijiet minn dawn l-ispejjeż jistgħu jintalbu biex ikunu rifużi minn skema għal dan il-għan li tħabbret f'dawn il-ġranet.

## 34/09 BUDGET 2010 U PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SNIN 2010-2012

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq id-*draft* tal-**Budget 2010,** kif ukoll draft tal-**Pjan tal-Ħidma għas-Snin 2010-2012,** flimkien ma' mozzjoni dwar il-*Budget* u l-Pjan ta' Ħidma 2010-2012. **DOK 'C1-2'**

"Il-Kunsill huwa mitlub li jikkonsidra dan id-dokument dwar il-Budget 2010 li qed jitressaq, sabiex wara li jkun approvat, id-dokument jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kif titlob il-Liġi.

Il-Kunsill huwa wkoll mitlub jikkonsidra dan id-dokument ta' Pjan ta' Ħidma 2010-2012 sabiex wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kif titlob il-Liġi. "

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda r-riżoluzzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressq spega ta' dawn iż-żewġ rapporti kif imressqa, u wara s-Sindku ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni mressqa. **DOK 'D'**

**Ivvutaw Favur id-disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva l-Budget 2010 u l-Pjan tal-Ħidma għas-Snin 2010-2012,** u dawn id-dokumenti issa jintbagħtu lil-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**34/10** **Il-Kunsilliera Jeffrey Camilleri** talab li jkun skużat minħabba xogħol u ħareġ mis-seduta fis-7.30 ta' fil-għaxija.

**34/11** **Il-Kunsilliera Bjorn Azzopardi** nforma li l-organizzazzjoni tal-*Business Breakfast* flimkien mal-GreenMt għas-sidien tal-ħwienet kummerċjali f'Ħal Qormi, li sejra ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar, hija ffinalizzata. Din l-attivita' sejra tinżamm fir-Razzett l-Antik u mistenni parteċipazzjoni tas-sidien tal-ħwienet li sejrin ikunu mħeġġa jipparteċipaw fis-separazzjoni ta' l-iskart. Il-Kunsilliera huma mistiedna jattendu għal din l-attivita'

## 34/12 INFORMAZZJONI

**34/12/1** **Is-Sindku** nforma li t-Tnejn filgħodu reġa' kien hemm seduta oħra l-Qorti dwar il-każ ta' Sproll li qajjem il-Kunsill kontra s-Sur Paul Magri, li għalaq parti

minn Triq il-Wied li tidħol minn Triq il-Belt Valletta, fejn qed jallega li l-art hija propjeta' tiegħu. Is-Sindku nnota li l-Kunsill ma jagħmel l-ebda espropjazzjoni ta' artijiet u fakkar li dik it-triq flimkien mal-ġnien ta' ħdejn iċ-ċimiterju kienu inbnew fl-aħħar tas-snin tmenin u fil-bidu tas-snin disgħin, fejn wara dan l-istess ġnien kien inbidel mit-tieni u t-tielet kunsill, bil-permessi kollha tal-MEPA, fi ground tal-five-a-side, li llum qed jagħmlu użu minnu n-Nursery tal-Qormi F.C.

Il-Kunsill qed ikompli bil-ħidma tiegħu sabiex jara li l-Gvern Ċentrali jgħaddi mill-proċeduri kollha ta' l-espropjazzjoni ta' l-art dwar dan il-Ġnien/Grawn tal-Five-a-side u Triq li tagħti għal fuq mill-Wied li ilhom imwaqqfa mill-bidu tas-snin disgħin. Jekk il-każ fil-qorti jispiċċa b'mod negattiv, dan jista' jkollu riperkussjoni negattiva ukoll li tolqot lill-Kunsill u l-istess Nursery tal-Qormi F.C.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** talab li jingħata d-dokumenti kollha dwar dan il-każ sabiex ikun jista' jinvestiga mad-Dipartiment ta' l-artijiet din il-kwistjoni, sabiex tinstab soluzzjoni dwarha.

**34/12/2** **Is-Sindku** fakkar fid-diskors li kien tqajjem fis-seduta ta' qabel dwar żewġ pitturi fuq l-injam, żewġ ikoni, mill-Artist Qormi Daniel Scerri, tal-qaddisin San Ġorġ u San Sebastjan fejn kien qed ikun diskuss ix-xiri tagħhom sabiex jintramaw fil-bini tal-Kunsill. Għalhekk il-Kunsilliera kienu mitluba sabiex japprovaw dawn il-pitturi li tagħhom tressqet il-kwotazzjoni tagħhom.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda.

**Il-Kunsill** unanimament approva x-xiri ta' dawn iż-żewġ pitturi.

## 34/13 KORRISPONDENZA

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza; **DOC E '1-4'**

a. **Email mill-GAL XLOKK - Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill u qara l-email mill-GAL Xlokk dwar il-ħidma li saret mill-Fondazzjoni Gal Xlokk li tiegħu l-Kunsill huwa membru. Il-Kunsill intalab jgħaddi €4000, ammont li jkun rifuż, sabiex il-Fondazzjoni jkollha fondi biex jista' jibda jopera. Il-Kunsill unanimament qabel li jingħataw dawn il-fondi lill-Fondazzjoni GAL Xlokk.

b. **Għaqda Armar San Sebastjan** fejn qed iressqu talba lill-Kunsill sabiex tingħatalhom għajnuna finanzjarja biex tkopri l-ispejjeż ta' tiżjin li b'impenn u ħidma volontarja għamlu tul il-ġranet tal-Milied. Is-Segretarju Eżekuttiv kien mitlub jiċċekkja kienux €200 li ħareġ il-Kunsill is-sena ta' qabel dwar dan it-tiżjin sabiex din is-sena wkoll il-Kunsill jagħti l-istess għajnuna.

c. **Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri** fejn ukoll ressqu t-talba tagħhom sabiex jingħataw għajnuna finanzjarja biex tkopri l-ispejjeż tax-xogħol materjali għal dan it-tiżjin tal-Milied. Il-Kumitat Festi Esterni talab għajnuna ta' €300. Is-

Segretarju Eżekuttiv kien mitlub jiċċekkja li l-Kunsill diġa ħallas €100 lill-Arċipriet dwar dan it-tiżjin. Saret diskussjoni dwar il-bżonn li l-Kunsill jaħdem Policy dwar l-Armar tal-Milied, sabiex ikun maqbul kemm fondi joħroġ il-Kunsill.

d. **Qormi Football Club – Is-Sindku** ressaq korrispondenza mill-President tal-Qormi Football Club dwar attivita' li sejra tkun organizzata mill-klabb flimkien ma' ġemellaġġ tal-klabb Taljan tal-Fiorentina, *Fiorentina Campus* li sejjer jinżamm bejn il-5 u t-8 ta' April hawn Malta. Il-Klabb qed jitlob li din l-attivita' tkun organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, u għalhekk kien qed iressaq rendikont informattiv dwar din l-attivita' u ressaq talba lill-Kunsill sabiex jiġi rifuż parti mill-ispejjeż wara l-preżewntazzjoni tal-irċevuti. Is-Segretarju Eżekuttiv fisser ma jistax jiissussidja attivita' u għalekk is-Sindku ssuġġerixxa li għal din l-għajnuna għal din l-attivita' kien sejjer ikellem lil xi kuntrattur, u fl-istess ħin ippropona li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Klabb dwar dan is-suġġett, bil-parteċipazzjoni tiegħu u tal-Kunsillier Simon Vella Gregory sabiex flimkien jiddiskutu din l-attivita' u x'jista jsir sabiex igawdu t-tfal qriema minn din l-attivita'.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.25 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa li jmiss sejra tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu 2010 fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2010.
(Jum) (Data) (Xahar)

QORMI
Città Pinto

| BANK PAYMENTS JANUARY 2010 | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| **PV** | **NO** | **INV DATE** | **INV NO** | **PAYEE** | **DESCRIPTION** | **EUROS** | **DATE** | **CHQ NO** | **ACC/NO** | **ACC/NAME** |
| PV10 | 1007 | 01/01/2010 | 01-10 | Council Secretary | Petty Cash | € 210.20 | 20/01/2010 | 5979 | 5010 | Petty Cash |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1008 | 13/01/2010 | | Maltapost plc | Postage Stamps | € 95.00 | 20/01/2010 | 5980 | 2650 | Postage |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0614 | 01/09/2009 | 11767 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 118.10 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0615 | 01/09/2009 | 11770 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 292.60 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0616 | 31/08/2009 | 11771 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 608.61 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0617 | 31/08/2009 | 11774 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 416.02 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0693 | 24/09/2009 | 11882 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | € 76.00 | 20/01/2010 | 5981 | 2313 | Traffic Signs |
| PV10 | 0694 | 05/10/2009 | 11917 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 459.88 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0695 | 05/10/2009 | 11918 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 567.37 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0696 | 05/10/2009 | 11919 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 99.46 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0697 | 06/10/2009 | 11921 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 26.14 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0698 | 07/10/2009 | 11947 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 29.03 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0706 | 15/10/2009 | 11964 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | € 69.71 | 20/01/2010 | 5981 | 2313 | Traffic Signs |
| PV10 | 0740 | 16/10/2009 | 11997 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 431.76 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0741 | 16/10/2009 | 11998 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 503.52 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0742 | 19/10/2009 | 11999 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 357.01 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0743 | 18/10/2009 | 12003 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 49.74 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0744 | 09/10/2009 | 12005 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 744.80 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0745 | 05/10/2009 | 12008 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 917.70 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0746 | 16/10/2009 | 12009 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 89.91 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0747 | 11/10/2009 | 12010 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 312.13 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0748 | 11/10/2009 | 12011 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 212.25 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0749 | 11/10/2009 | 12012 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 287.75 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0808 | 02/11/2009 | 12136 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Markings | € 323.77 | 20/01/2010 | 5981 | 2314 | Road Markings |
| PV10 | 0841 | 05/11/2009 | 12160 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | € 459.55 | 20/01/2010 | 5981 | 2313 | Traffic Signs |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0684 | 30/09/2009 | 09-2009 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 2,724.64 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0720 | 15/09/2009 | 76 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 487.73 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0721 | 15/09/2009 | 83 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 274.36 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0722 | 15/09/2009 | 85 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 71.25 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0723 | 15/09/2009 | 89 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 71.25 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0724 | 15/09/2009 | 90 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 133.00 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0725 | 15/09/2009 | 105 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 137.75 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| PV10 | 0726 | 15/09/2009 | 108 | Mica Med Ltd | Street Light Repairs | € 152.00 | 20/01/2010 | 5982 | 3065 | Street Lighting |
| | | | | | | | | | | |
| *PV10* | *0448* | 18/07/2009 | | Central Asphalt | Resurfacing of Parts of Misrah il-Kittieba, Guze Ellul Mercer and Guze Muscat Azzopardi | € 15,233.17 | 20/01/2010 | 5983 | 7503 | Road Resurfacing |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0794 | 06/11/2009 | | Central Asphalt | Embellishment of Roundabout in Triq il-Vitorja | € 1,080.06 | 20/01/2010 | 5984 | 7240 | Urban Improvements |
| | | | | | | | | | | |
| *PV10* | *0794* | 06/11/2009 | | Central Asphalt | Resurfacing of Triq il-Wied (part of) | € 15,000.00 | 20/01/2010 | 5985 | 7503 | Road Resurfacing |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0798 | 13/11/2009 | 1390-09 | Andrew Vassallo | Glass Door for Local Council Office | € 5,438.72 | 20/01/2010 | 5986 | 7210 | Office Furniture/Fittings |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0812 | 06/11/2009 | 113576036 | Water Services Corporation | Electricity - Tribuna ta' Pinto | € 112.88 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0813 | 06/11/2009 | 113565865 | Water Services Corporation | Electricity - Gnien Alexandra | € 66.86 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0814 | 06/11/2009 | 113574898 | Water Services Corporation | Water & Electricity - Misrah iz-Zebbug Garden | € 92.33 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0815 | 06/11/2009 | 113575828 | Water Services Corporation | Electricity - De La Cruz Garden | € 721.94 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0816 | 06/11/2009 | 113575218 | Water Services Corporation | Electricity - Gnien Tumas Fenech | € 57.80 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0817 | 06/11/2009 | 113575064 | Water Services Corporation | Electricity - Kiosk De La Cruz | € 208.93 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0818 | 06/11/2009 | 113565572 | Water Services Corporation | Electricity - Gnien Monument tal-Gwerra | € 138.51 | 20/01/2010 | 5987 | 2130 | Public Utilities - Electricity |
| PV10 | 0934 | 16/12/2009 | 114602288 | Water Services Corporation | Water - Open Theatre De La Cruz | € 70.47 | 20/01/2010 | 5987 | 2140 | Public Utilities - Water |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0863 | 30/11/2009 | 4107 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 138.20 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0864 | 27/11/2009 | 4102 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 444.84 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0865 | 25/11/2009 | 4097 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 215.76 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0866 | 25/11/2009 | 4096 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 224.68 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0867 | 25/11/2009 | 4093 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 157.14 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0868 | 25/11/2009 | 4095 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 105.52 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| PV10 | 0869 | 30/11/2009 | 4106 | C. Chircop Ltd | Material used by LC attached workers | € 147.78 | 20/01/2010 | 5988 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0879 | 30/11/2009 | 1506 | Guard & Warden | Mriehel Bypass & Mdina Road Speed Camera Tickets | € 15,356.13 | 20/01/2010 | 5989 | 3670 | Speed Cameras Expenses |
| *PV10* | *0879* | 30/11/2009 | 1506 | Guard & Warden | Mriehel Bypass & Mdina Road Speed Camera Tickets | € 169.40 | 20/01/2010 | 5989 | 3690 | Other Expenses |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0911 | 12/12/2009 | 45009 | George Saliba | Electric Repairs - Various Gardens | € 476.64 | 20/01/2010 | 5990 | 3061 | Parks & Gardens |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0959 | 23/12/2009 | 19893 | Firm Joseph Aquilina | Material used by LC attached workers | € 35.00 | 20/01/2010 | 5991 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0960 | 29/12/2009 | | Saliba Carmelo | Tyre for Van | € 45.00 | 20/01/2010 | 5992 | 2710 | Maintenance of Vehicles & Related Expenses |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0961 | 26/11/2009 | | Lidl Malta Ltd | Circular Saw used by LC attached workers | € 39.00 | 20/01/2010 | 5993 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0962 | 31/12/2009 | 8371 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - December 2009 | € 232.94 | 20/01/2010 | 5994 | 3041 | Refuse Collection |
| | | | | | | | | | | |
| *PV10* | *0962* | 31/12/2009 | 8371 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - December 2009 | € 1,630.56 | 20/01/2010 | 5995 | 3041 | Refuse Collection |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *PV10* | *0962* | 31/12/2009 | 8371 | R&A Waste Services Ltd | Refuse Collection - December 2009 | € 7,541.35 | 20/01/2010 | 5996 | 3041 | Refuse Collection |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0963 | 31/12/2009 | 12-2009 | Charles Axisa | Librarian | € 71.28 | 20/01/2010 | 5997 | 2996 | Librarian |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0964 | 27/12/2009 | 27451 | Police Department | Marc tal-Milied - Police | € 61.67 | 20/01/2010 | 5998 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0965 | 30/12/2009 | | Miriam Camilleri | Christmas Party - Extra Work | € 41.22 | 20/01/2010 | 5999 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0967 | 31/12/2009 | A017 | Mazzitelli Carmel | Non Urban - December 2009 | € 831.75 | 20/01/2010 | 6000 | 3052 | Non Urban |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0968 | 30/12/2009 | 32 | Bezzina Ronald | Sweeping - December 2009 | € 3,042.75 | 20/01/2010 | 6001 | 3051 | Sweeping |
| PV10 | 0969 | 30/12/2009 | 32 | Bezzina Ronald | Market Cleaning - Dec 2009 | € 1,019.75 | 20/01/2010 | 6001 | 3051 | Sweeping |
| PV10 | 0970 | 30/12/2009 | 9 | Bezzina Ronald | Bulky - December 2009 | € 760.38 | 20/01/2010 | 6001 | 3042 | Bulky Refuse |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0971 | 30/12/2009 | 2009/120 | Glass Creations - Exclusive Enterprises Ltd | Premju INT - Plaques | € 247.80 | 20/01/2010 | 6002 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0972 | 05/12/2009 | 9648 | AF Sign Studio | Musical Giorgio - Press Release Back Drop | € 295.00 | 20/01/2010 | 6003 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0938 | 26/11/2009 | 13011385 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | € 260.21 | 20/01/2010 | 6004 | 2620 | Stationery |
| PV10 | 0973 | 22/12/2009 | 13011952 | Smart Office Supplies Ltd | Stationery | € 122.48 | 20/01/2010 | 6004 | 2620 | Stationery |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0844 | 31/10/2009 | 35465 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | € 942.69 | 20/01/2010 | 6005 | 3060 | Contractual Service |
| PV10 | 0845 | 31/10/2009 | 65099 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | € 251.07 | 20/01/2010 | 6005 | 3060 | Contractual Service |
| PV10 | 0846 | 31/10/2009 | 35442 | Image Systems | Library - Photocopy Machine Reading | € 16.17 | 20/01/2010 | 6005 | 2610 | Printing |
| PV10 | 0870 | 02/12/2009 | 49017 | Image Systems | A4 paper | € 154.34 | 20/01/2010 | 6005 | 2620 | Stationery |
| PV10 | 0927 | 30/11/2009 | 65700 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | € 48.08 | 20/01/2010 | 6005 | 3060 | Contractual Service |
| PV10 | 0928 | 30/11/2009 | 36007 | Image Systems | Photocopier Service Agreement | € 424.49 | 20/01/2010 | 6005 | 3060 | Contractual Service |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PV10 | 0929 | 30/11/2009 | 35984 | Image Systems | Library - Photocopy Machine Reading | € 48.55 | 20/01/2010 | 6005 | 2610 | Printing |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0974 | 01/11/2009 | 5878 | Environmental Landscapes | difference in Contract - Oct 2009 | € 577.42 | 20/01/2010 | 6006 | 3061 | Parks & Gardens |
| PV10 | 0975 | 30/11/2009 | 5879 | Environmental Landscapes | difference in Contract - Nov 2009 | € 577.42 | 20/01/2010 | 6006 | 3061 | Parks & Gardens |
| PV10 | 0976 | 31/12/2009 | 5805 | Environmental Landscapes | Contract - Dec 2009 | € 4,172.58 | 20/01/2010 | 6006 | 3061 | Parks & Gardens |
| PV10 | 0977 | 31/12/2009 | 5880 | Environmental Landscapes | difference in Contract - Dec 2009 | € 577.42 | 20/01/2010 | 6006 | 3061 | Parks & Gardens |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0978 | 31/12/2009 | 09/012 | Dar il-Kaptan | Service for Persons with Disability | € 83.00 | 20/01/2010 | 6007 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0979 | 31/12/2009 | 23079931 | GO Business | Tel 21440101 Rental | € 13.20 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0979* | 31/12/2009 | 23079931 | GO Business | Tel 21440101 Charges | € 5.54 | 20/01/2010 | 6008 | 2160 | Comm Charges |
| *PV10* | *0979* | 31/12/2009 | 23079931 | GO Business | Tel 21440107 Rental | € 15.69 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0979* | 31/12/2009 | 23079931 | GO Business | Tel 21440107 Charges | € 101.28 | 20/01/2010 | 6008 | 2160 | Comm Charges |
| PV10 | 0980 | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 21440606 Rental | € 15.69 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 21440606 Charges | € 5.61 | 20/01/2010 | 6008 | 2160 | Comm Charges |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 2144xxxx Rental | € 13.20 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 2144xxxx Rental | € 15.69 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 2144xxxx Charges | € 132.95 | 20/01/2010 | 6008 | 2160 | Comm Charges |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 2147xxxx Rental | € 15.69 | 20/01/2010 | 6008 | 2150 | Comm Rental |
| *PV10* | *0980* | 31/12/2009 | 23068225 | GO Business | Tel 2147xxxx Charges | € 35.78 | 20/01/2010 | 6008 | 2160 | Comm Charges |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0982 | 11/12/2009 | | Parrocca San Gorg | Refund re Armar tad-Dawl tal-Milied | € 100.00 | 20/01/2010 | 6009 | 3380 | Community Service |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0983 | 31/12/2009 | 136 | Gauci Charlie & Joseph | Sweeping - December 2009 | € 1,917.84 | 20/01/2010 | 6010 | 3051 | Sweeping |
| PV10 | 0984 | 31/12/2009 | 137 | Gauci Charlie & Joseph | Gbir ta gurdien mejjet u tindif fejn Statwa ta' l-Irxoxt, knis u tindif Triq l-Iljun | € 178.98 | 20/01/2010 | 6010 | 3051 | Sweeping |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 0988 | 29/12/2009 | | Agius Frankie | Expenses re Xmas Reception | € 880.00 | 20/01/2010 | 6011 | 3380 | Community Service |
| *PV10* | *0988* | 29/12/2009 | | Agius Frankie | Waiters for Xmas Reception | € 120.00 | 20/01/2010 | 6011 | 3380 | Community Service |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1024 | 20/01/2010 | | DOI | Advert | € 9.32 | 20/01/2010 | 6012 | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | | 20/01/2010 | | Enemalta | | | | 6013 | | |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1009 | 13/01/2010 | | Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali | Insurance on Money | € 63.00 | 20/01/2010 | 6014 | 3030 | Insurance Coverage |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1044 | 27/01/2010 | | DOI | Advert | € 9.32 | 27/01/2010 | 6015 | 2940 | Advertising |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1034 | 22/01/2010 | | PSV Turnkey Contractors Ltd | Public Convenience - Pjazza F. Maempel - Refurbishment | € 6,650.00 | 27/01/2010 | 6016 | 7511 | Assets still Under Construction |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1037 - 1042 | 27/01/2010 | 01-2010 | Council Personnel | Salary & Overtime | € 7,357.52 | 27/01/2010 | 6019 | 1200/1700 | Salaries/Overtime |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1043 | 27/01/2010 | 01-2010 | Aquilina Jesmond | Mayor Allowance | € 26.50 | 27/01/2010 | 6023 | 1100 | Mayor Allowance |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | - | - | - | CANCELLED | CANCELLED | - | - | 6024 | - | CANCELLED |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | - | - | - | CANCELLED | CANCELLED | - | - | 6025 | - | CANCELLED |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1001 | 07/01/2010 | | Current a/c | Bank Charges | € 23.29 | 07/01/2010 | Current a/c | 3035 | Bank Charges |
| | | | | | | | | | | |
| PV10 | 1022 | 08/01/2010 | 01-2010 | Transfer to APS A/c | | € 2,063.82 | 08/01/2010 | Saving a/c | 5011 | APS Current Account |
| PV10 | 1023 | 08/01/2010 | 01-2010 | Savings a/c | Bank Charges | € 4.00 | 08/01/2010 | Saving a/c | 3035 | Bank Charges |
| | | | | | **TOTAL** | **€ 111,393.03** | | | | |

John Farrugia
Executive Secretary Date

QORMI
Città Pinto

## PETTY CASH JANUARY 2010

| PCV | NO | DATE | PAYEE | DESCRIPTION | EUROS | ACC/NO | ACC/NAME |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PCV10** | **181** | 1/4/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 9.93 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **182** | 1/5/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 10.82 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **183** | 1/7/2010 | The Rose Shop | Office Supplies | € 6.44 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **184** | 1/8/2010 | Bargain Place | Cleaning Supplies | € 4.66 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **185** | 1/8/2010 | Charles Attard | Material used by LC attached workers | € 3.30 | **2370** | **Other Repairs & Upkeep** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **186** | 1/12/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 19.38 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **187** | 1/12/2010 | Charles Attard | Material used by LC attached workers | € 2.40 | **2370** | **Other Repairs & Upkeep** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **188** | 1/12/2010 | BOV | Night Safe Deposit Bags | € 6.00 | **3410** | **Sundry Expenses** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **189** | 1/12/2010 | Carmelo Saliba | Fuel for Van | € 20.00 | **2750** | **Fuel** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **190** | 1/15/2010 | Homezone | Electric Kettle | € 24.00 | **3410** | **Sundry Expenses** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **191** | 1/18/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 6.63 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **192** | 1/19/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 2.80 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **PCV10** | **193** | 1/20/2010 | Medinco Ltd | Office Supplies | € 4.96 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **194** | 1/20/2010 | The Rose Shop | Office Supplies | € 4.70 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **195** | 1/20/2010 | The Rose Shop | Cleaning Supplies | € 15.16 | **2220** | **Cleaning Mat & Supp** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **196** | 1/26/2010 | Bargain Place | Office Supplies | € 4.97 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **197** | 1/27/2010 | The Rose Shop | Mineral Water | € 20.00 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **198** | 1/27/2010 | The Rose Shop | Office Supplies | € 17.43 | **3340** | **Other Hospitality Costs** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **199** | 1/28/2010 | Carmelo Saliba | Fuel for Van | € 20.00 | **2750** | **Fuel** |
| | | | | | | | |
| **PCV10** | **200** | 1/29/2010 | Dr Carmelo Brincat | Medical Visit | € 20.00 | **3410** | **Sundry Expenses** |
| | | | | **TOTAL** | **€ 223.58** | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | | | | |
| | | | | John Farrugia | | Date | |
| | | | | Executive Secretary | | | |